


# 100 Sena mit-Twelid ta' Mro Carmelo Briffa (1907 - 2007)

## *L-Ewwel Surmast tal-Banda San Gabriel*

**Tagħrif miġbur minn Alan Deguara, Delegat tal-Banda**

Li nfakkru l-ħajja u l-ħidma ta' nies li taw xi kontribut siewi lir-raħal tagħna ta' Ħal Balzan huwa wieħed mill-għanijiet ta' din il-gazzetta. Hija tassew ħaġa xierqa, għalhekk, li nħallu tifkira lil ta' warajna ta' l-ewwel surmast tal-Banda 'San Gabriel', Maestro Carmelo Briffa, li ħalla d-dinja tal-ħajjin nhar il-11 t'April, 1972, fil-għomor ta' 65 sena.



*Mro Carmelo Briffa – Surmast Direttur Każin tal-Banda San Gabriel 1952-1972*

Mro Briffa twieled Birkirkara fl-1907. Huwa kien il-kbir fost is-sebat aħwa, ulied Agostino Briffa u Elena, imwielda Delicata. Sa miċ-ċokon tiegħu Carmelo wera ġibda kbira lejn il-mużika.

Meta l-magħruf artista Balzani, is-Sur Gabriel Caruana, li huwa wkoll Segretarju tal-Każin 'San Gabriel', issuġġerixxa li l-Każin isir Każin tal-Banda, għajnejn il-Kumitat mill-ewwel waqgħu fuq Mro Briffa, li dak iż-żmien kien assistent surmast tal-Banda 'Duke of Connaught' ta' Birkirkara. B'hekk Mro Carmelo Briffa ġie magħżul u maħtur l-ewwel surmast tal-Banda 'San Gabriel' ta' Ħal Balzan.

Matul iż-żmien li dam surmast tal-Banda, Briffa ma naqas qatt li jissieħeb mal-Bandisti tiegħu fid-diversi programmi li l-Banda tat kemm fl-okkażjoni tal-festa titulari ta' Marija Annunzjata kif ukoll f'okkażjonijiet oħra barra mir-raħal. Barra dan, Mro Briffa kellu fi ħsiebu wkoll it-tagħlim ta' l-allievi. Ta' sikwit kont tarah jitlagħlek il-każin u bis-sabar kollu jgħallem lill-allievi u jħarriġhom fl-istrumenti tal-banda. Tul dan iż-żmien ukoll huwa kkompona għadd ta' marċijiet li hu kien jirregala lill-Każin. Għalkemm illum Mro Briffa m'għadux iżjed magħna, bla ebda dubju t-tifkira, tiegħu tibqa' ħajja fostna meta ta' kull sena nisimgħu jindaqqu l-marċi ferrieħa li huwa ħallielna.



*Mro Carmelo Briffa, l-ewwel Surmast Direttur tal-Banda San Gabriel jidher jidderieġi waqt programm mużikali li sar fl-okkażjoni ta' għeluq il-ħamsin sena mit-twaqqif tas-Soċjetà 1920-1970*

Il-funeral li organizza l-Kumitat tal-Każin bla dubju ta' xejn jibqa' wieħed imfakkar għal ħafna snin. Il-Banda 'San Gabriel' akkumpanjat il-katavru mill-knisja ta' San Pawl tal-Wied, f' Birkirkara, sal-Knisja Kolleġġjata Bażilika fejn saritlu quddiesa 'presente cadavere'. Numru kbir ta' nies inġabru fit-toroq sabiex jaraw il-funeral, jisimgħu l-marċi funebri, u kif ukoll sabiex jagħtuh l-aħħar tislima. Jalla l-Mulej jagħtih il-mistieħ ta' dejjem.

Nifirħu u nawguraw kull suċċess lis-Surmast il-ġdid tal-Banda 'San Gabriel' - Maestro Clemente Sciberras.

Meħuda mill-Gazzetta *Ħal Balzan* ta' *Lulju/Awwissu 1972*